# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015**

**Numru**

**Rikors maħluf numru 143/2006 PC**

**John u Salvina konjuġi Vella**

***v.***

**Carmel u Mary Ann Camilleri**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn provvediment mogħti fil-10 ta' Ġunju 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, li "astjeniet milli tieħu konjizzjoni" ta' talba għar-reviżjoni ta' taxxa ta' drittijiet ta' periti ġudizzjarji taħt l-art. 667 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili .

2. Il-fatti relevanti huma dawn: B'dikriet tad-9 ta' Marzu 2012[1] l-ewwel qorti ħatret tliet periti addizzjonali u fit-12 ta' Ġunju 2013

[1] *Fol.* 218 tal-proċess tal-ewwel qorti.

ġiet mgħarrfa "li l-periti addizzjonali daħħlu r-rapport tagħhom"[2]. Fil-proċess iddaħħlet ukoll taxxa tad-drittijiet tal-periti addizzjonali[3] datata 13 ta' Ġunju 2013 għalkemm ma jingħadx meta ddaħħlet fil-proċess.

3. Fis-16 ta' Ottubru 2013 l-ewwel qorti awtorizzat lill-periti "jaħilfu r-rapport fir-reġistru jew ta' Għawdex jew ta' Malta"[4]. Fit-13 ta' Novembru 2013 l-avukati taż-żewġ partijiet iddikjaraw "li *in vista* tal-ammont tat-taxxa huma bi ħsiebhom għan-nom tal-klijenti tagħhom jikkontestaw l-istess taxxa"[5] u b'nota tad-19 ta' Novembru 2013[6] taħt l-art. 667(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili il-partijiet flimkien talbu illi r-reġistratur jintaxxa mill-ġdid id-drittijiet tal-periti.

4. Din in-nota ġiet notifikata lill-periti li wieġbu fid-19 ta' Frar 2014[7]. L-ewwel qorti mbagħad iddeċidiet hekk fil-provvediment li minnu sar dan l-appell:

> "Billi l-periti addizzjonali ġew eżentati milli jidhru l-qorti għall-pubblikazzjoni tar-rapport tagħhom, a tenur tal-artikolu 672 tal-Kap. 12 (ara verbal tas-16 ta' Ottubru 2013), iż-żmien li fih seta' jsir dan l-appell kien ta' tmint ijiem minn meta l-partijiet ġew notifikati b'din it-taxxa. Dan sar fl-istess ġurnata li nħadmet it-taxxa in kwisjoni, u *cioè* fit-13 ta' Ġunju 2013. Din in-nota ġiet

2 *Ibid. fol.* 259.

3 *Ibid. fol.* 260.

4 *Ibid. fol.* 261.

5 *Ibid. fol.* 262.

6 *Ibid. fol.* 263.

7 *Ibid. foll.* 270 *et seqq.*

> ippresentata fid-19 ta' Novembru 2013, u għalhekk hija ampjament tardiva."

5. It-terminu ta' tmint ijiem imsemmi fil-provvediment joħroġ mill-art. 667(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid hekk:

> "**667.** (1) Mit-taxxa [tad-drittijiet tal-periti] kull wieħed mill-periti u kull waħda mill-partijiet fil-kawża jistgħu jappellaw lill-qorti li minnha l-periti ġew maħtura, ikun kemm ikun id-dritt li ġie intaxxat jew mitlub, fi żmien tmint ijiem … … … fil-każ li l-periti jkunu ġew iddispensati milli jidhru … … … mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawża jkunu ġew imgħarrfin bit-taxxa b'ittra mingħand ir-reġistratur."

6. L-atturi appellaw mill-provvediment tal-ewwel qorti b'rikors tas-17 ta' Ġunju 2014 li għalih il-periti wieġbu fit-22 ta' Mejju 2015. L-aggravju tal-atturi hu illi t-terminu msemmi fl-art. 667(1) qatt ma beda jgħaddi billi huma "qatt ma ġew validament notifikati bit-taxxa". Igħidu wkoll illi "d-dikriet mogħti mill-ewwel qorti fih diskrepanzi fuq id-dati fejn jirriżulta fiċ-ċar illi l-periti addizzjonali ġew biss awtorizzati jaħilfu r-rapport tagħhom fir-reġistru biss fis-16 ta' Ottubru 2013 [*sic*]".

7. Il-periti wieġbu hekk għal dan l-aggravju:

> "L-appellanti qegħdin jibbażaw l-appell odjern fuq l-allegazzjoni li huma għadhom sallum mhumiex notifikati bit-taxxa uffiċjali tad-dritt tal-esponenti.
>
> "Din l-allegazzjoni, però, hija waħda skorretta u infondata. Kif tajjeb qalet l-ewwel onorabbli qorti, it-taxxa uffiċjali kienet ġiet innotifikata liż-żewġ avukati tal-partijiet permezz ta' *email* fit-13 ta' Ġunju 2013
>
> "Imma, b'żjieda ma' dan għandu jiġi rilevat ukoll li wara dik id-data din il-kawża kienet appuntata għas-smigħ għas-16 ta'

Ottubru 2013. F'dik is-seduta, it-taxxa uffiċjali kienet diġà ġiet inserita fil-proċess, u dakinhar reġgħu dehru l-avukati tal-partijiet u fil-waqt li talbu li l-kawża tibqa' differita għal ġurnata oħra, iddikjaraw ukoll li dan kien qiegħed isir sabiex fil-frattemp jitħallas ir-rapport tal-periti addizzjonali u sahansitra awtorizzaw lill-esponenti li jaħilfu r-rapport tagħhom fir-reġistru kemm ta' Għawdex kif ukoll ta' Malta.

"Effettivament, il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013 jaqra preċiżament dan li ġej:

> ""Meta ssejħet il-kawza deher Dr Joseph Grech għall-atturi, u dehru l-konvenuti assistiti minn Dr Angele Formosa.
>
> ""Kawża differita għat-13 ta' Novembru 2013 għall-ħlas u eżami tar-rapport.
>
> ""Il-periti huma awtorizzati jaħilfu r-rapport fir-reġistru jew ta' Għawdex jew ta' Malta."

"Għaldaqstant, anki fl-iktar ipoteżi favorevoli għall-appellanti, it-terminu għall-preżentata tan-nota li biha tintalab reviżjoni tat-taxxa uffiċjali beda jiddekorri minn dik il-ġumata – u t-terminu ta' tmint ijiem stabbilit mil-liġi għall-preżentata ta' dik in-nota laħaq skada abbondantement qabel il-preżentata tal-istess nota.

"Konferma oħra tan-notifika preċedenti tat-taxxa uffiċjali huwa l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2013 li jaqra hekk:

> ""Meta ssejhet il-kawża deher Dr Joseph Grech għall-atturi, u dehru l-konvenuti assistiti minn Dr Angele Formosa.
>
> ""Dr Joseph Grech u Dr Angele Formosa jiddikjaraw li *in vista* tal- ammont tat-taxxa huma bi ħsiebhom għan-nom tal-klijenti tagħhom jikkontestaw l-istess taxxa.
>
> ""Il-qorti *in vista* ta' dan tħalli l-kawża għal informazzjoni ulterjuri għat-8 ta' Jannar 2014 fid-9:00 *a.m.*"

"Bejn is-16 ta'Ottubru u t-13 ta' Novembru 2013 ma seħħ assolutament xejn ġdid fir-rigward tan-notifika *o meno* tat-taxxa uffiċjali. Kif lanqas ma hemm xi dikjarazzjoni fis-sens li l-partijiet, jew l-avukati tagħhom, kienu qegħdin jieħħu konjizzjoni tat-taxxa uffiċjali għall-ewwel darba fit-13 ta' Novembru 2013.

"Kien proprju dakinhar li n-nota li biha ntalbet ir-reviżjoni tat-taxxa uffiċjali ġiet ippreżentata mill-appellanti. U għalhekk l-appellanti llum ma jistgħux jargumentaw li sallum għadhom ma gewx innotifikati b'din it-taxxa.

"Lanqas ma jistgħu l-appellanti jargumentaw li kien meħtieg li n-notifika lilhom tat-taxxa uffiċjali ssir permezz ta' xi mod iktar formali. L-artikolu 667 tal-Kap. 12 jirrikjedi biss li n-notifika ssir permezz ta' ittra mir-reġistratur; ċjoè l-metodu ta' notifika huwa wieħed informali għall-aħħar."

8. Ladarba hawnhekk qegħdin nittrattaw dwar dekadenza minn dritt ta' appell, il-kondizzjonijiet biex isseħħ dik id-dekadenza għandhom jiġu interpretati b'mod rigoruż u, f'każ ta' dubju, favur il-parti li sejra tiġi mċaħħda mid-dritt.

9. L-art. 667 igħid illi t-terminu jibda jgħaddi "mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawża jkunu ġew imgħarrfin bit-taxxa b'ittra mingħand ir-reġistratur". Din l-ittra trid tintbagħat lill-partijiet interessati, mhux lill-avukati tagħhom, u, f'kull każ, fil-proċess ma hemm ebda kopja tal-ittra, jew ta' xi *e-mail* kif jingħad fit-tweġiba tal-appell. Lanqas ma hu relevanti l-fatt illi t-taxxa ddaħħlet fil-proċess. Mhux biss ma hemm xejn fil-proċess li juri meta fil-fatt iddaħħlet it-taxxa – il-fatt illi fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013 igħid illi l-kawża tħalliet "għall-ħlas" tar-rapport ma jfissirx bilfors illi t-taxxa kienet ġà fil-proċess dakinhar (għalkemm il-fatt illi t-taxxa qiegħda qabel il-verbal tas-seduta fil-proċess juri li x'aktarx hekk hu) – iżda anke kieku t-taxxa tassew kienet fil-proċess dan ma kienx ikun biżżejjed, għax il-liġi trid espressament illi l-partijiet interessati jkunu mgħarrfa "b'ittra mingħand ir-reġistratur". L-aħjar prova li saret u ntbagħtet din l-ittra hija nieqsa, u għalhekk huma nieqsa wkoll l-estremi biex isseħħ il-kondizzjoni li bis-saħħa tagħha l-partijiet jiġu mċaħħda mid-dritt ta' appell.

10. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa’ l-appell, tħassar il-provvediment tal-10 ta’ Ġunju 2014 u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din tqis il-meritu tal-appell mit-taxxa kif igħid u jrid l-art. 667(4) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

11. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jibqgħu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
df